Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 35/2014

**Edward Cernigliaro (appellat)**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija (appellant)**

7 ta' Frar 2017

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Edward Cernigliaro tat-2 t'April 2014** quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' liema huwa ppremetta li (i) l-applikazzjoni tieghu ghal licenzja ta' gwardjan privat giet rifjutata mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-interess pubbliku minhabba xi sentenzi li huwa kellu fil-passat; (ii) l-interess pubbliku ma ghandux jintuza biex kull min zbalja fil-passat meta kien zghir, jibqa' ttimbrat b'mod li ma jinghatax cans iehor biex juri li hu cittadin denju tas-socjeta'; (iii) huwa veru kien zbalja meta kien ghadu izghar izda fil-frattemp irriforma ruhu u issa hu cittadin ezemplari. Ghaldaqstant huwa talab lit-Tribunal sabiex jannulla d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn l-applikazzjoni tieghu ghal-licenzja ta' gwardjan privat giet rifjutata u biex jordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija johroglu l-imsemmija licenzja ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat **ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-25 ta' April 2014** (fol 12)permezz ta' liema fil-mertu eccepixxa li: (i) l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tieghu li ma jagħtix il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kap 389; (ii) ma jfissirx illi għax ir-rikorrent ma ngħatax liċenzja ta' gwardjan privat huwa prekluż li jagħmel tip ta' xogħol iehor; (iii) ma jistax jitqies li mhux fl-interess pubbliku li tiġi rifjutata tali liċenzja meta r-rikorrent instab akkuzat ghal diversi reati kif hemm imnizzel fil-fedina penali tieghu u wisq anqas meta kiser kundizzjonijiet imposti minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta; (iv) il-fatt li r-rikorrent segwa korsijiet ohra u ottjena diversi certifikati huwa rrilevanti peress li dawn ma humiex komparabbli mal-licenzja ta' gwardjan privat li tirrikjedi responsabilta' akbar; (v) gwardjan privat irid ikun persuna affidabbli u ta' karattru sod. Persuna akkuzata bil-lista ta' reati li kien akkuzat bihom ir-rikorrent zgur ma tistax titqies tali.

Rat **id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-13 ta' Novembru 2014** li qalet hekk:

*"Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-Rikorrent, jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lir-Rikorrent bl-ittra tal-11 ta' Marzu 2014 u jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fid-dawl ta' dak kollu osservat f'din is-sentenza jerga' jikkonsidra mill-gdid l-applikazzjoni tar-Rikorrent ghall-hrug ta' licenzja ta' Gwardjan Privat ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Kummissarju tal-Pulizija."*

Dan wara li l-istess Tribunal qies primarjament li:

i. Nonostante s-sentenzi kriminali li nqatghu kontra tieghu snin qabel, r-rikorrent jidher li rriforma ruhu u ghadda zmien bizzejjed biex huwa jinghata cans li jipprova lilu nnifsu;

ii. Il-Kummissarju intimat ma setax jieqaf biss fuq is-sentenzi pronunzjati fil-konfront tar-rikorrent biex jifforma d-decizjoni tieghu ghar-rifjut tal-applikazzjoni *de quo*;

iii. Fil-prezent, it-Tribunal ma jista' jirraviza l-ebda cirkostanza il-ghala l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jqis lir-rikorrenti bhala persuna mhux affidabbli fil-qadi ta' dmirijiet ta' gwardjan privat.

Il-Kummissarju ntimat appella minn din is-sentenza u l-appellat wiegeb. Waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru 2016 dehru d-difensuri tal-partijiet u l-appellat li ddikjaraw li m'ghandhomx x'izidu ma' dak li hemm fl-atti.

Il-Qorti qrat l-atti.

**L-aggravji.**

Fis-sustanza tieghu l-appell huwa wiehed abbinat mal-apprezzament tal-provi. Fil-fehma tal-appellant, it-Tribunal kellu jasal ghall-konkluzjoni opposta ghaliex:

1. in-natura tar-reati li wettaq l-appellat fil-passat m'humiex tali li jirrendu lill-appellat affidabbli biex jaghmel xoghol ta' gwardjan privat minhabba l-possibilta' li jerga' jsib ruhu f'sitwazzjonijiet li jwaqqghuh fil-vizzju tal-passat. L-appellant ghandu ghalhekk ifittex xoghol iehor li ma jesponihx ghal dan ir-riskju;

2. meta meqjusa fl-isfond tal-interess pubbliku u l-aspettativa tac-cittadin li jkun protett minn gwardjan privat, id-decizjoni mpunjata hija wahda gusta ghax individwu bhall-appellat li jkun inganna lill-Pulizija ghal reat li kien jaf li ma sarx, seraq u laqa' ghandu hwejjeg misruqa ma huwhiex idoneu biex ikun gwardjan privat.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:

*"Illi dan it-Tribunal, fil-prezent, ma jista' jirraviza l-ebda cirkostanza ghaliex il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jqies lir-rikorrenti bhala persuna li ma tistax tafdaha fil-qadi ta' dmirijiet ta' gwardjan privat. Huwa veru li r-rikorrenti, f'eta' ferm izghar u cioe' meta kellu minn tmintax sa wiehed u ghoxrin sena, kien ikkommetta r-reati elenkati aktar 'il fuq, pero' t-Tribunal ihoss li ghadda bizzejjed zmien biex ir-rikorrent jinghata cans, wara dan iz-zmien kollu, to prove himself. Illi r-rikorrent jidher determinat li jrid imexxi hajtu 'l quddiem, filwaqt li gharaf li dak li ghamel fil-passat kien zbaljat. Illi fl-opinjoni tat-*

*Tribunal, il-Kummissarju intimat ma setghax jieqaf biss fuq is-sentenzi pronunzjati fil-konfront tar-rikorrent biex jifforma d-decizjoni tieghu ghar-rifjut tal-applikazzjoni de quo. Kieku kien rifjut abbazi tal-artikolu 10(a) kien ikun mod iehor ghax dawk ir-reati kristallizzati fl-istess sub-artikolu jaghmluha tassattiva fuq min qieghed jiddeciedi li ghandu jirrifjuta tali applikazzjoni, dejjem jekk ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija in linea ma' dak pronunzjat minn dan it-Tribunal, anke kif diversament presjedut, f'diversi sentenzi".*

Mill-atti jirrizulta li:

i. Fid-29 ta' Jannar 2003 ir-rikorrent kien instab hati mill-Qorti tal-Magistrati, wara ammissjoni, li xjentament laqa' ghandu jew xtara mutur misruq. Huwa gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur (fol 46);

ii. Fl-1 ta' Marzu 2004 quddiem l-istess Qorti huwa nstab hati ta' diversi akkuzi wara li ammetta li: (a) bi vjolenza jew b'theddid gieghel lil ufficjali tal-Pulizija ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom; (b) saq karozza minghajr licenzja u minghajr polza tas-sigurta' kontra r-riskji ghal terzi persuni; (c) saq vettura b'manjiera traskurata u perikoluza; (d) iddenunzja lill-Pulizija reat li kien jaf li ma sarx, inkella b'qerq holoq tracci tar-reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar; u (d) kiser il-kundizzjoni mposta fis-sentenza tad-29 ta' Jannar 2003. Huwa wehel multa komplessiva ta' Lm750 (Eur1,747) - (fol 47 *et seq)* ;

iii. Fid-9 ta' Marzu 2006 imbaghad instab hati, flimkien ma' persuna ohra, ta' serq ta' *mobile phone*. Il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz fosthom l-eta' tenera tal-imputati illiberathom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena (fol 51);

iv. Minn wara dawn is-sentenzi ma rrizultax li l-appellat rega' xellef difrejh mal-ligi;

v. Il-provi dokumentarji mressqa juru li fl-2008 r-rikorrent ippartecipa fi skambju ta' zghazagh minn diversi pajjizi organizzat mill-Kummissjoni Ewropea (fol 21) u bejn l-2012 u 2013 huwa ghamel xi korsijiet ma' Trasport Malta u dak li jirrigwardja l-gwardjani privati (fol 4 - 7);

vi. Fl-2011 huwa xtara dar u nghata self ghalih mill-bank (fol 22 *et seq*), liema self kien qieghed ihallas ghalih bin-nifs;

vii. F'Ottubru tal-2013, bhala parti minn skema tal-ETC li maghha huwa kien qieghed jirregistra ghax-xoghol, huwa ntbaghat jaghmel xoghol komunitarju gewwa l-iskola primarja ta' Had-Dingli. Is-Surmast tal-iskola kellu kliem ta' tifhir ghalih u ghax-xoghol li kien jaghmel (fol 8 u 33 *et seq*);

viii. Fl-2014 l-appellat applika ghall-licenzja ta' Gwardjan Privat mal-appellant, liema applikazzjoni giet rifjutata. B'ittra datata 11 ta' Marzu, 2014 l-appellat gie nfurmat li, *".... l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini tal-artikolu 10(b) fl-interess pubbliku, minhabba sentenzi fil-konfront tieghek".*

Ezaminati l-aggravji tal-appellant fil-kuntest ta' dawn il-fatti, l-Qorti ma ssib ebda raguni valida biex ma taqbilx mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom it-Tribunal.

Ma hemm ebda dubju li n-natura tax-xoghol ta' gwardjan privat fiha diversi responsabiltajiet li jissemmew fil-ligi stess, inkluz il-prevenzjoni jew il-kxif ta' frodi jew serq. Il-protezzjoni ta' individwi minn offiżi fuq il-persuna kif ukoll il-protezzjoni tal-proprjetà; u ghassa ma' flus jew xi proprjeta' ohra. Huwa logiku ghalhekk li l-affidabilita' tal-gwardjan privat huwa rekwizit importanti f'dan il-qasam ta' xoghol.

Il-legislatur akkorda l-poter lill-Kummisarju tal-Pulizija sabiex jevalwa l-idoneita' o meno ta' persuni li japplikaw biex jezercitaw dan ix-xoghol inkluz mill-aspett tal-interess pubbliku. Din id-diskrezzjoni pero' ghandha dejjem tigi ezercitata b'mod ragonevoli skont ic-cirkostanzi tal-kaz billi jinzamm bilanc proporozjonat bejn l-interess pubbliku u d-dritt ta' individwu li jezercita' din il-professjoni. Dan wara li jigu kkunsidrati c-cirkostanzi kollha rilevanti ghall-kaz.

Fil-kaz in ezami d-decizjoni tar-rifjut tal-applikazzjoni tal-appellat mill-Kummisarju appellant ittiehdet biss a bazi tat-tlett sentenzi li nghataw fil-konfront tal-appellat bejn is-snin 2003 u 2006. Fil-fehma tal-appellant, in-natura ta' dawn ir-reati kienet tali li hrug ta' licenzja ta' gwardjan privat lill-appellat kien iwassal ghal pregudizzju ghall-interess pubbliku *ai termini* tal-artikolu 10 (b) tal-Kap 389. Dan il-fatt jirrizulta mhux biss mill-avviz ta' rifjut tal-11 ta' Marzu 2014 izda wkoll mid-deposizzjoni tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi (fol. 44A *et seq*).

Huwa minnu li r-reati li taghhom instab hati l-appellat, partikolarment dawk tal-2003 u l-2004, m'humiex zghar u kien fid-dmir ukoll tal-Kummissarju tal-Pulizija li jehodhom in konsiderazzjoni fl-evalwazzjonijiet tieghu fir-rigward tal-applikazzjoni in ezami. Il-Qorti tqis pero' li l-kambjamenti li sehhew fis-snin sussegwenti fl-istil ta' hajja tal-appellat ma jistghux jigu skartati anzi ghandhom iwasslu ghall-konvinciment li fl-istadju tal-applikazzjoni ghall-licenzja li ressaq l-appellat quddiem l-appellant ma kienx ghadu fl-interess pubbliku li tali licenzja tigi michuda. L-appellant ma kienx korrett li jqies biss is-sentenzi u xejn iktar. Dan m'huwiex il-mod kif jittiehdu decizjonijiet ragunati.

Mill-ahhar reat li tieghu instab hati l-appellat fl-2006 sa meta applika ghall-licenzja ta' gwardjan privat ghaddew xejn inqas minn **<u>tmien snin</u>**. L-ahhar reat li wettaq l-appellat kien fit-2 ta' Ottubru, 2005. Il-qorti tosserva wkoll il-pieni li nghataw fit-tlett sentenzi:

i. 29 ta' Jannar, 2003 – gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur minn dakinhar (artikolu 9 tal-Kap. 152).
ii. 1 ta' Marzu, 2004 – multi.
iii. 9 ta' Marzu 2006 – gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat fi zmien sena mid-data tas-sentenza.

Fattur li wkoll rilevanti li hu evidenti li l-appellant ma kkunsidrax meta ddecieda dwar l-applikazzjoni tal-appellat.

Inoltre, minn dak iz-zmien m'hemmx prova li l-appellat rega' xellef dufrejh mal-gustizzja. Anzi hemm provi li minn dak iz-zmien kien pro-attiv, inkluz billi segwa xi

korsijiet, bil-ghan li jsib xoghol li permezz tieghu seta' jaqta' d-dejn tal-post li xtara. Dan il-kambjament fl-atteggament tal-appellat gie nnotat mhux biss mill-familjari tieghu, fosthom ohtu li xehdet f'dawn il-proceduri (fol 20D *et seq*), izda wkoll minn terzi. Infatti hu sinifikanti kif fix-xoghol komunitarju li l-appellat beda jaghmel gewwa l-iskola ta' Had Dingli minn Ottubru tal-2013, u cioe' **ftit xhur biss qabel applika ghall-licenzja in ezami**, huwa wera responsabbilta' u affidibilita'. Il-kap tal-iskola Paul S. Galea kiteb hekk dwaru:

*"....Mr Cernigliaro demonstrated himself to be a hard-working person who performs all the assigned tasks without any complaints, flexible and ready even to go beyond his call of duty and extermely loyal to his superiors.*

*Since he was posted at our school, Mr Cernigliaro also proved himself to be creative in taking various initiatives in supporting the school needs and ready to improve his day by day performance."* (fol 8)

Meta xehed quddiem it-Tribunal (fol 33 et seq), Paul Galea zied li l-appellat kien wera ruhu bhala *"persuna integra"* fix-xoghol tieghu u li kien imur tajjeb ukoll mal-ghalliema u mal-kollegi l-ohra tieghu.

Fl-isfond ta' dak kollu li appena nghad il-Qorti tqis ukoll li l-argument tal-appellant li Cernigliaro m'ghandux il-kredenzjali biex ikun gwardjan privat izda li jista' jaghmel kwalunkwe xoghol iehor alternattiv, huwa barra minn postu. Inoltre, l-aggravju li huwa fl-interess tal-appellat li jfittex xoghol li jista' jbeghdu minn tentazzjonijiet li jaqa' ghal vizzji passati huwa f'dan l-istadju xejn hlief kongettura paternalistika ghaliex *a priori* teskludi l-potenzjal pozittiv tal-appellat li ghal zmien twil wera li gharaf li zbalja u tghallem u ha passi biex ma jinhakimx minn hajja ta' problemi.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx li huwa fl-interess pubbliku li f'dan l-istadju ta' hajtu l-appellat jibqa' jigi ppenalizzat ghal reati li huwa kien ikkommetta diversi snin qabel.

Kellu ragun ghalhekk it-Tribunal li jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju appellant tal-11 ta' Marzu 2014.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul